MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 241/2010

**Appell Nru. 241/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Aquilina)**
**Vs**
**Vincent Fenech**

**Illum 17 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 503276M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 t'Awwissu 2008 ghall-habta ta' 16.15 ta' filghaxija u fix-xhur precedenti, gewwa l-fond 32 Triq l-Infanterija, Kirkop u f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. opera, ppromwova, biegh jew ippartecipa fi, jew b'xi mod li tkun jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba;
2. fl-istess cirkustanzi, opera, ppromwova, biegh jew b'xi mod li jkunu ghin jew hajjar l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghba;
3. fl-istess cirkustanzi, aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkustanzi, xjentement ippermetta l-uzu ta' xi post bil-ghan ta' l-operazzjoni, l-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba mhux permess mill-ligi;
4. fl-istess cirkustanzi, ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk;
5. fl-istess cirkustanzi ghamilha ta' ricevitur ta' gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi;
6. fl-istess cirkustanzi, biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-lottu pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan;
7. sar recediv ghat-terminu ta' l-artikoli 49 et sequitur tal-Kodici kriminali wara li nstab hati b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Dr. C. Scerri Herrera LL.D) datata 13 ta' Novembru 2007, liema sentenza ma tistax aktar tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 12, 13 u 14 tal-Kap. 70 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tar-raba`, l-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu multa ta' hamest elef Ewro (€5000) u sitt xhur prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn. Il-Qorti ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-ewwel, it-tieni u s-seba` akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Il-Qorti inoltre ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus esebiti in atti u mmarkati bhala Dok RA5 u tal-mobile immarkat bhala Dok RA6 u ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tal-kaxxa tal-kotba tal-loghob immarkata bhala Dok RA7.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-2 ta’ Gunju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi

1. tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tar-raba, l-hames u s-sitt akkuzi migjuba kontrih u l-konfiska li giet ordnata minn l-Ewwel Qorti, filwaqt ili tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti lliberat lill-akkuzat mill-ewwel tlett akkuzi migjuba kontrih u minflok isibu hati taghhom filwaqt li tirrevoka wkoll dik il-parti koncernanti l-piena li nghatat kontra Vincent Fenech, u wara li ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliggi piena gdid ai termini tal-Ligijiet ta’ Malta, jew alternattivament
2. tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tar-raba`, l-hames u s-sitt akkuzi migjuba kontrih u l-konfiska li giet ordnata minn l-Ewwel Qorti, filwaqt li tirrevoka dik il-parti koncernanti l-piena li nghatat kontra Vincent Fenech, u wara li terga ssib lill-appellat hati tar-raba`, l-hames u s-sitt akkuza migjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida ai termini tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti :-
Illi bis-sentenza mogħtija u bil-piena inflitta l-Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta lliberat lill-akkużat mill-ewwel tlett akkużi miġjuba kontriħ kif ukoll naqset milli tapplika l-piena adegwata kif preskritta mill-Liġi għal dan it-tip ta’ reati, u ċioe billi l-piena li ngħatat kienet taħt il-minimum preskritt u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

Illi fl-ewwel lok jingħad illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sostniet li l-Kapitolu 438 li jirregola l-ewwel tlett akkużi migġjuba kontra l-akkużat ma kienux japplikaw għal kaz in kwistjoni u b’hekk kienet iktar errata meta’ lliberat lill-akkużat minnhom. Preliminarjament jingħad illi L-akkużat kien filfatt ammetta għall-akkużi miġjuba kontriħ fi stadju ta’ l-istqarrija tiegħu li ttieħdet mill-pulizija u li ġiet

debitament ippreżentata in atti[1]. Filfatt id-difiża ma telgħatx provi ħlief li talbet li tagħmel nota ta' sottomissjonijiet fejn sostniet fost affarijiet oħra li ma tistax tapplika l-kapitolu 438 u l-Kapitolu 70 kontestwalment u dan peress li wieħed jitkellem fuq lottu pubbliku filwaqt li l-ieħor jirreferi għal lotteriji u logħob ieħor.

Illi madankollu meta nqisu ċ-ċirkostanżi tal-każ u meta naraw ukoll id-diċitura tal-liġi taħt l-kapitolu 438 naraw li din ma teskludix l-applikazzjoni ta' liġijiet jew regolament oħra u anki timponi kif għandhom japplikaw il-pieni fl-eventwalita' ta' reati oħra li jistgħu jingħataw fl-istess każ iżda li jaqgħu taħt disposizzjonijiet oħra.

Illi jingħad illi l-Kapitolu 438 daħal fis-seħħ sabiex fost affarijiet oħra iwaqqaf l-awtorita' konċernata li hija L-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Logħob li tirrapreżenta l-unika awtorita' li tilqa u tipproċessa applikazzjonijiet għal skop ta' organizazzjoni u promozzjoni u bejgħ ta' logħba. Mill-banda l-oħra l-logħba tal-Lottu legali hija organizzata u promovuta u mibjugħa mill-Kumpanija MALTCO taħt il-liċenzja approvata mill-istess Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Logħob u dan b'referenża partikolari għall-artikolu 26 et seq tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi miġjuba u anki mill-ammissjoni tal-akkużat joħroġ ċar illi l-akkużat naqas milli japplika mal-Awtorita' konċernata u b'hekk lanqas ma setgħet tiġi pproċessata l-applikazjoni tiegħu sabiex jotjeni liċenzja bl-iskop li jorganizza, jipromuovi jew/u ibiegħ logħba kif regolata mill-Maltco li fost logħob ieħor tirregola s-Super 5, li kif jidher mill-provi kien fost il-karti li nstabu fil-pussess tal-akkużat b'mod klandestin minħabba n-nuqqas ta' liċenzji u awtorizazzjonijiet mitluba skond il-liġi. Kwindi meta' wieħed iqis li l-awtoritajiet ikkonċernati u l-ħruġ tal-liċenzji meħtieġa taħt l-istess awtoritajiet huma regolati taħt il-Kapitolu 438 huwa diffiċli ħafna li jinftiehem kif il-Qorti kkonkludiet li ma setgħatx tapplika d-diposizzjonijiet taħt l-Kapitolu 438 meta nafu b'ammissjoni tal-akkużat stess kif ukoll mill-konferma miġjuba permezz tal-provi tal-

[1] Folio 13 tal-proċess.

prosekuzzjoni li l-akkużat ma kienx liċenzjat u lanqas ma kellu xi awtorizazzjoni sabiex jagħmel li kien qed jagħmel.

Illi mill-banda l-oħra -aħħar tlett akkużi (numru 4 sa 6) jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 70 li jirrigwarda l-Lottu Pubbliku illi kemm skond id-difiża kif ukoll minn l-ewwel Qorti li abbraċat din it-teżi, huma riflessi f'dan il-każ, u filfatt in vista ta' din l-opinjoni, l-Qorti wasslet sabiex issib lill-akkużat ħati ta' dawn it-tlett akkużi kif miġjuba kontriħ taħt l-Kapitolu 70. Dawn id-disposizzjonijiet teknikament qedgħin fis-seħħ taħt sistema regolatorja antika tal-Lotteriji iżda li pero' għadha fis-seħħ sa'llum u għada ma ġietx sostittwita interament permezz tal-applikazzjoni tal-Kapitolu 438 li tirregola s-sitema regolatorja l-ġdida tal-lotteriji eċċ wara li sar kambjament radikali mis-sena 2004 l'hawn. In oltre d-disposizzjonijiet taħt il-Kapitolu 70 baqgħu jirregolaw il-liċenzjar ta' postijiet użati għall-iskop tal-logħob kif ukoll awtorizazzjonijiet personali maħruġa fid-diskrezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi filwaqt li meta' naraw l-ewwel tlett akkużi kif miġjuba f'din l-akkuża jidher li mhux qed nitrattaw l-istess ksur.

Illi għalhekk ukoll iktar u iktar ma tagħmilx sens li l-kapitoli 438 u 70 tal-liġi tagħna ma jistgħux jiġu applikati kontestwalment speċjalment meta' wieħed iqis id-diċitura li ġiet applikata li hija differenti u konsiderando l-provi tal-prosekuzzjoni kif ippreżentati fil-kuntest tal-akkużi kollha miġjuba kontra l-akkużat u l-ammissjoni tal-istess. Għaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-akkużat fl-istadju ta' stqarrija, l-akkużat kellu jinstab ħati ta' l-ewwel tlett akkużi kif miġjuba mill-prosekuzzjoni.

Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-piena kif erogata mill-ewwel Qorti kienet skorretta fis-sens li l-ewwel Qorti marret taħt il-minimu rikjest legalment. Dan jingħad iktar u iktar meta' nqisu li skond l-ewwel aggravju tal-esponent il-Qorti ma kelliex tillibera minn l-ewwel tlett akkużi li jaqgħu taħt il-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk naraw il-pieni erogati hemmhekk dawn jammontaw għal multa ta mhux inqas minn €7000 jew priġunerija għal zmien mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn flimkien. Din il-piena togħla fl-eventwalita' li l-

akkużat ikun reċidiv u tista tonqos ai termini tat-tieni proviso tal-artikolu 67 tal-Kapitolu 438 jekk l-Avukat Ġenerali hekk jindika mal-għoti tas-sanzjoni tiegħu skond l-artikolu 74(2) tal-istess disposizzjonijiet. Dan pero' mhuwiex il-każ hawnhekk peress li ma saritx din l-indikazzjoni fis-sanzjoni tal-Avukat Ġenerali in atti.

Illi di piu jidher li skond l-artikolu 67(3) ta' dan l-istess Kapitolu 438, il-Qorti lanqas ma tista tapplika l-aritikoli 21, 28A sa 28I tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw is-sentenża sospiża, u lanqas ma jistgħu jiġu applikati d-disposizzjonijiet dwar il-Probation li jaqgħu taħt il-Kaptolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa meta' nduru lejn il-piena mogħtija minn l-ewwel Qorti, l-ewwel Qorti applikat sentenża sospiza ta' sitt xhur sospiza b'sentejn u ta' ħamest elef Euro Multa (€5000). Kwindi jekk din l-Onorabbli Qorti tal-appell taqbel ma' l-ewwel aggravju tal-esponent indubjament ikollha ssir ir-riforma tal-piena mogħtija minn l-ewwel Qorti u dan peress li l-applikazzjoni tas-sentenża sospiza ma tistax issir u l-multa mogħtija minn l-ewwel Qorti hija fl-ammont Elfejn Euro inqas mill-minimu rikjest mill-liġi ta' akkuża waħda taħt il-Kapitolu 438 u dan mingħajr ma nikkalkulaw l-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali fejn b'hekk il-minimu jitla għal iktar minn €7000 indubjament.

Ill kif diġa saret referenża hawn fuq, il-Kapitolu 439 permezz tal-artikolu 73 tal-istess Att jispjega kif għandhom jiġu kkomputati l-pieni fl-eventwalita' ta 'reati li jinġiebu kontra persuna taħt dan l-att kif ukoll taħt liġijiet jew regolamenti oħra. Filfatt din id-disposizzjoni tinqara kif ġej:

'Meta l-fatt li jikkonstitwixxi reat taħt xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew xi regolamenti mgħmulin taħtu jkun ukoll jikkonstitwixxi reat taħt xi liġi oħra u jkun suġġett għal piena ogħla taħt dik il-liġi, dik il-piena ogħla għanda tiġi applikata minflok il-piena stabbilita f'dan l-Att'.

Kwindi jingħad illi peress li skond l-appellant, l-appellat kellu jinstab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontriħ għandhom japplikaw a kontrarjo senso ta din id-

disposizzjoni l-pieni erogati taħt il-Kapitolu 438 u mhux taħt il-Kapitolu 70 li bħala piena minima tinkludi multa ta' €4658.75 flimkien ma piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur li kwindi huma pieni minimi għal dawk stipulati taħt l-artikolu 438. Jingħad ukoll li l-Kapitolu 70, differenti mill-kapitolu 438 ma teskludix l-applikazzjoni tas-sentenża sospiża, l-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi kwindi jingħad mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ aggravji tal-appellant li jekk din l-Onorabbli Qorti tal-Appell tkun tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta li tapplika biss id-disposizzjonijiet li jaqaw taħt il-Kapitolu 70, jingħad li l-ewwel Qorti kienet korretta fir-rigward tal-modalita' tal-piena. <u>Madankollu</u> l-appellant jissottometti li l-ewwel Qorti, fl-eventwalita' li l-Qorti tal-Appell tikkonferma s-sejbien ta' ħtija biss taħt il-Kapitolu 70, xorta waħda marret taħt il-minimum meta' ġiet biex applikat l-quantum tal-piena f'tali ċirkostanza.

Illi f'dan ir-rigward jingħad illi fl-aħħar parti tas-sentenża l-Qorti għamlet referenża għall-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 mingħajr ma speċifikat liema paragrafu kienet qed tapplika meta' għamlet il-kalkolu tagħha. Jidher ukoll li fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-akkużat, id-difensuri tiegħu sostnew illi l-Qorti għandha tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 17(h) li jirrigwarda l-kalkolu ta' piena fl-eventwalita' ta' żewġ reati jew aktar li ma jammontawx għal delitt ikkwalifikat iżda li jservu bħala mezz għall-fini ta' reat ieħor, sia jekk ikkwalifikat jew sempliċi, fejn f'din l-eventwalita', għandha tingħata l-piena l-aktar gravi fosthom.

Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jekk kellna nassumu illi l-ewwel Qorti applikat il-paragrafu (h) ta' din id-disposizzjoni huwa daqxejn diffiċli nifmu kif l-ewwel Qorti setgħet tasal biex tikkonkludi li r-reati adebitati kontra l-akkużat taħt il-Kapitolu 70 setgħu servew bħala mezz għal fini ta' xulxin. Dan dejjem qed jingħad mingħajr preġudizzju għall-argument li skond l-appellant l-ewwel Qorti kellha ssib ħtija kontra l-akkużat tal-akkużi kollha u tapplika l-piena korretta anki in konsiderazzjoni tal-fatti fl-ewwel tlett akkużi li in ogni caso

ukoll ma jiġġustifikawx l-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) f'dak il-kuntest.

Illi jekk nagħmlu referenża għall-akkużi kif miġjuba kontra l-akkużat taħt il-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn huma regolati mill-artikoli 12, 13 u 14 ta' dan il-Kapitolu u jinqraw kif ġej:

**12. (1) Il-lottu klandestin, ikun li jkun il-mod li bih u l-isem li taħtu jsir, hu ipprojbit. Din il-projbizzjoni tgħodd fil-każ ta' kull lottu klandestin li jsir b'wegħdiet lill-ġugaturi ta' premjijiet ta' flus jew ta' ħaġ'oħra, jew bil-mezz ta' ġbir jew ta' sottoskrizzjonijiet ta' ġugati fuq komunikazzjonijiet ta' numri li jaqblu ma' dawk tal-lottu pubbliku jew li jkunu bħalhom.**

**(2) Kull min jagħmel lottu klandestin jew jiġbor il-flus tal-ġugati fuqu kif jingħad hawn fuq, u kull min b'xi mod igħin jew iħajjar f 'daqshekk, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47) u l-priġunerija għal żmien ta' minn sitt xhur sa tnax-il xahar.**

**(3) Il-ġugatur li ma jkunx kompliċi kif jingħad hawn fuq, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).**

**13. (1) Ħadd ma jista', jekk ma jkunx awtorizzat għaldaqshekk mill-Ministru responsabbli għall-finanzi, taħt ebda titolu jew b'ebda mod, jagħmilha ta' riċevitur ta' ġugati tal-lottu.**

**(2) Kull min jikser id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn ħdax-il**

**elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew il-priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa tnax-il xahar jew dawn iż-żewġ pieni tal-multa u tal-priġunerija flimkien.**

**14. (1) Ħadd ma jista' jbigħ jew joffri għall-bejgħ biljetti tal-lottu pubbliku f'ebda post li ma jkunx maħtur għaldaqshekk.**

**(2) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).**

**(3) Kull min jilgħab, jew jixtri jew jissottoskrivi għall-ġugati f 'biljetti, f 'post li ma jkunx maħtur għaldaqshekk, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux anqas minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) u mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87).**

Illi kwindi l-ewwel akkuża taħt il-Kapitolu 70 tirrigwarda l-għemil ta' lottu klandestin jew ġbir ta' flus tal-ġugati fuqu, jew għajnuna jew tħajjir f'daqshekk filwaqt li t-tieni akkuża tirrigwarda l-għamla ta' riċevitur mingħajr l-awtorizazzjonijiet meħtieġa mill-Ministru tal-Finanzi u l-aħħar akkuża tirreferi għal bejgħ ta' biljetti tal-lottu Pubbliku minn post mhux liċenzjat għal dan il-għan. L-appellant umilment jissottometti li dawn l-akkużi allavolja jistgħu ikunu relatati ma xulxin ma jistgħux jitqiesu bħala mezz għal fini u da peress li jistgħu isiru indipendentement għal xulxin u waħda minnhom mhux neċessarjament triq tapplika sabiex l-akkużi l-oħra jidħlu fis-seħħ. Huwa possibbli li persuna tuża post għal logħob għal fini ta' lottu mhux klandestin, liema post ma' jkunx liċenzjat jew viċe versa u jista jagħti l-każ ukoll li persuna tiġbor flus minn ġugati mingħajr il-bzonn li jkollu fond użat għall-istess fini u lanqas ma jista jiġi eskluz li minn huwa riċevitur ma jkunx neċessarjament minn qed jiġbor jew jgħin jew iħajjar għall-logħob klandestin speċjalment meta'

wieħed iqis li skond l-istqarrija tal-akkużat stess kien hemm persuni oħra li kienu jassistuħ u li filfatt kienu jitħallsu 20% *commission* mill-akkużat stess li ammetta li kien hu li kien jorġanizza kollox iżda li ma kienx qed jagħmel kollox waħdu.

Illi għaldqastant l-appellant jissottometti illi fl-applikazzjoni tal-konkors tal-pieni l-ewwel Qorti kellha tapplika l-paragrafu (b) ai fini tal-piena karċerarja li skond l-artikolu 12 tal-Kapitolu 70 hija tassattiva u li b'hekk għadha tingħata anki jekk fl-artikolu 13 din mijiex obbligatorja filwaqt li kellha tapplika wkoll l-artikolu (f) ta' l-istess artikolu 17 ai fini tal-piena pekunjarja.  Dawn il-paragrafi jinqraw kif ġej:

**(17) Fil-konkors ta' reati u ta' pieni, igħoddu d-disposizzjonijiet li ġejjin:**

**(*b*) persuna ħatja ta' żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien, b'dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorrix ħamsa u tletin sena;**

**(f) persuna misjuba ħatja ta' aktar minn reat wieħed li għalih hemm pieni pekunjarji tingħata l-piena tal-multa jew ammenda ogħla jew ta' l-ogħla multa jew ammenda, skond il-każ, b'żieda ta' nofs kull waħda mill-multi jew ammendi l-oħra;**

Illi jekk nagħmlu referenża għal pieni mogħtija f'dawn it-tlett artikoli taħt il-Kapitolu 70 naraw illi in vista tad-diċitura tal-paragrafi (b) u (f), jekk kelna nikkalkulaw il-minimu assolut tal-piena karċerarja, jekk nieħdu r-reat l-aktar gravi tirriżulta l-applikazzjoni tal-aritkolu 12, fejn il-piena tammonta għal 6 xhur priġunerija flimkien ma terz mill-pieni karċerarji tal-aritkolu 13.  Jingħad pero li dan il-kalkolu jitqies jekk il-Qorti jidrilha li għandha tagħti piena karċerarja taħt l-artikolu 13 ukoll peress li din mijiex obbligatorja.  F'dik l-eventwalita' il-piena ta' sitt xhur, allavolja sospiza tkun taħt il-minimum.  Jekk il-Qorti jidrilha

li l-karċerazzjoni għandha tingħata biss taħt l-artikolu 12 allura fir-rigward tal-karċerazzjoni l-piena erogata hija korretta.

Illi madankollu ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tal-multi li japplika għar-reati kollha indikati fl-artikoli 12 sa 14 tal-Kapitolu 70. Jekk naraw il-paragraph (f) u nqisu l-piena l-aktar ogħla terġa tapplika l-multa taħt l-artikolu 12 li jammonta għal €4,658.75. Issa din trid tiġi miżjuda b'nofs kull multa oħra li kwindi jammonta għal €1222.92 addizjonali li b'kollox jammontaw għal €5881.67. Illi kwindi m'hemm l-ebda dubbju li l-multa imposta għall-ksur tad-disposizzjonijiet taħt il-Kapitolu 70 imur taħt il-minimu bi kważi disa mitt Euro. B'hekk m'hemm l-ebda dubbju li l-kwantum tal-multa għal dawn l-akkużi hija ferm taħt il-minimu rikjest mill-liġi. Għal darb'oħra dan jingħad mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju tal-appellant fejn fl-eventwalita' li tintlaqa, ikollhom japplikaw il-pieni taħt l-artikolu 67(1) tal-kapitolu 438 li huma ferm għola fil-minimum tagħhom minn €5000 u f'liema rigward ai termini tal-artikolu 67(3) tal-istess Att, ma tistax tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif jidher illi applikat l-ewwel qorti fil-kuntest tad-disposizzjonijiet li jaqaw taħt il-Kapitolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kwindi l-appellant issostni li l-ewwel Qorti ma kelliex raġuni valida għal xiex tillibera lill-akkużat mill-akkużi miġjuba kontrih taħt il-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant kellha timponi l-pieni hemm erogati anki fl-eventwalita' tas-sejbien ta' ħtija taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 12 sa 14 taħt il-Kapitolu 70 u dan in vista wkoll tal-applikazzjoni tal-artikolu 73 tal-Kapitolu 438. B'hekk l-ewwel Qorti ma setgħatx tapplika s-sentenża sospiza u kellha tapplika piena ferm għola fil-minimu mill-ammont stipulat fis-sentenża tagħha. Għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad li jekk din l-Onorabbli Qorti tal-appell tkun tal-opinjoni li l-ewwel Qorti kellha raġun tillibera mill-ewwel tlett akkużi, allavolja l-appellant umilment jissottometti li dan m'għandux ikun il-każ għar-raġunijiet kif premessi minnu, is-sentenża kif mogħtija partikolarment fir-rigward tal-multa għandha

tiżdied ukoll peress li xorta waħda ingħatat taħt il-minimu rikjest mill-liġi u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali tagħna.

Illi finalment jingħad ukoll għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għas-susespost illi fir-rigward tal-konkluzjonijiet konċernanti l-addebitu tar-reċidiva, l-appellant jista jaqbel mal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u b'hekk mhux qed isir appell fuq dak il-punt.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tal-elfejn u tmienja (2008) il-pulizija gew infurmati illi Vincent Fenech kien qieghed jaghmel lottu klandestin u wara xi zmien ta' osservazzjoni l-pulizija waqqfu lil Vincent Fenech u ghamlu tfittxijiet relattivi abbazi tas-suspetti taghhom, fejn sabu xi oggetti u dokumenti relatati ma' lottu klandestin fil-vettura u residenza tal-istess Fenech. Fil-fatt l-akkuzat ammetta mal-pulizija permezz ta' stqarrija rilaxxata minnu li kien qieghed jorganizza lottu klandestin u dan peress li kien dizokkupat, fost ragunijiet ohra. Informa lill-pulizija illi kien hemm persuni ohra involuti f'din il-vicenda, izda hu kien qed jorganizza dan il-loghob.

Sussegwentement il-pulizija hadu l-passi mehtiega kontra Vincent Fenech u ressquh il-Qorti sabiex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi. Il-Prosekuzzjoni gabet il-provi taghha filwaqt li d-Difiza ma gabitx provi.

Fit-tmintax (18) ta' Mejju tal-elfejn u ghaxra (2010) il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha fejn filwaqt illi illiberat lil Vincent Fenech mill-ewwel tlett akkuzi, sabitu hati tal-akkuzi l-ohra u kkundannatu ghal sentenza ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospiza ghal sentejn kif ukoll ghal multa ta' hamest elef ewro (€5,000) u ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flus esebiti in atti u tal-mobile phone kif ukoll il-konfiska u distruzzjoni tal-kaxxa tal-kotba tal-loghob.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u appella minnha ghax deherlu illi l-ewwel Qorti ma setghetx

tillibera lill-appellant mill-ewwel tlett akkuzi meta argumentat li l-Kap. 438 ma kellux x'jaqsam ma' dan il-kaz, kif ukoll illi l-piena erogata hija fil-fatt anqas mill-mimimu rikjest mil-ligi.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-fatti mhumiex kontestati – l-appellat stess jirrikonoxxi dan fir-risposta tieghu ghall-appel maghmul mill-Avukat Generali (vide fol 91). Kwindi rrizulta ampjament ippruvat illi l-appellat kien qieghed jorganizza u jopera lottu klandestin minghajr ma kellu licenzja mill-awtorità koncernata u cioé l-*Maltaco* li giet imwaqqfa permezz tal-Kap. 438 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-kap dahal fis-sehh sabiex iwaqqaf l-Awtorità Dwar il-Lotteriji u Loghob illi hija l-unika awtorità awtorizzata illi tipprocessa applikazzjonijiet u hrug ta' licenzja. Dana taghmlu taht il-kumpanija *Maltaco* li ghandha tali licenzja (vide art. 26, Kap. 438) li torganizza, tippromwovi jew/u tbiegh xi loghob fil-Gzejjer ta' Malta, li fost il-loghob li tirregola hemm ukoll is-*Super 5.*

Hawnhekk il-Qorti thoss illi l-argument tal-Avukat Generali jaghmel hafna sens u cioé meta wiehed iqis li l-awtoritajiet koncernati u l-hrug tal-licenzja mehtiega taht l-istess awtoritajiet huma regolati taht il-Kap. 438, difficli wiehed jifhem kif l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi ma setghetx tapplika d-dispozizzjonijiet taht il-Kap. 438 meta rrizulta mill-provi li l-appellat ma kienx licenzjat u lanqas ma kellu xi awtorizazzjoni biex jaghmel dak illi kien qed jaghmel.

Din il-Qorti ma ssibx konflitt bejn il-Kap. 70 u l-Kap. 438, li ghandhom jitqiesu komplimentari ghal xulxin. Fil-fatt, il-Kap. 438 fl-artikolu 73 jghid x'ghandu jsir "meta l-fatt li jikkostitwixxi reat taht xi disposizzjoni ta' dana l-Att jew xi regolamenti maghmulin tahtu, ikunu <u>wkoll</u> (sottolinear ta' din il-Qorti) jikkostitwixxi reat taht xi ligi ohra u jkun soggett ghal piena oghla taht dik il-ligi, dik il-piena oghla ghandha tigi applikata minflok il-piena stabbilita f'dan l-Att."

Ghalhekk ma kien hemm l-ebda ostakolu ghall-ewwel Qorti sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Kap. 438 in konnessjoni mal-ewwel tlett akkuzi, li skont il-provi jirrizultaw sodisfacentement pruvati fi gradi illi trid il-ligi, u l-appellat hawnhekk kellu jinstab hati.

Rigward l-ahhar tlett akkuzi, dawn jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 70 u jirrizultaw ukoll ippruvati, tant illi l-ewwel Qorti iddikjarat htija dwarhom. Dan il-kap, ghad illi huwa wiehed antik, ma giex sostitwit bil-Kap. 438 u baqghu jezistu flimkien. Il-Kap. 70 jirregola l-postijiet uzati ghall-iskop tal-loghob u awtorizazzjonijiet personali mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi. Dana huwa differenti mill-ewwel tlett akkuzi.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, la darba nstabet htija taht l-akkuzi kollha migjuba kontra l-appellat, skont id-dispost tal-artikolu 73 tal-Kap. 438 fuq imsemmi, ghandha tigi applikata l-oghla piena li f’dan il-kaz jaqta’ taht il-Kap. 438, liema kap jippreskrivi multa ta’ mhux anqas minn sebat elef ewro (€7,000) jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn jew it-tnejn flimkien.

Peress illi s-seba’ akkuza u cioé dik tar-recidiva ma tirrizultax, mhux il-kaz illi din il-Qorti tikkonsidra minimu ta’ aktar minn sebat elef ewro (€7,000) fl-eventwalità tar-recediva u lanqas ma tista’ tikkonsidra alternattivi ohra peress illi l-Kap. 438 jeskludi sentenza sospiza, probation jew l-uzu tal-artikolu 21 tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab hati tar-raba’, il-hames, is-sitt akkuzi, u illiberatu dwar is-seba’ akkuza, u l-konfiska li giet ordnata mill-ewwel Qorti, tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti illiberat lill-akkuzat mill-ewwel tlett akkuzi migjuba kontrih u minflok tiddikjarah hati taghhom u filwaqt illi tirrevoka ukoll dik il-parti koncernanti l-piena li nghatat kontra l-appellat, u wara li tiddikjarah hati tal-ewwel sitt akkuzi migjuba kontra

tieghu, tikkundannah ghall-multa ta' tmint elef ewro (€8,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------